MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 23/2007/1

Shannon Pisani (ID 18577G)
vs
Louis (ID19173G) u Assunta (ID17475G) konjugi Zammit

**It-Tribunal**

Ra’ l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ (€1304.84) gja LM 560.08 VAT eskluz, rapprezentanti somma dovuta ghall-materjal u xoghol ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti stess fil-proprjeta’ taghhom kif ukoll ta’ ghodda u ingenji ta’ l-attur li l-konvenuti jew min minnhom uzaw, liema ammont l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu fl-intier tieghu minkejja li huma gew anke interpellati diversi drabi izda inutilment.

Illi huma dovuti lill-attur ukoll l-imghaxijiet sad-datata tal-pagament effettiv dekorribli mid-data tal-kont anness u mmarkat Dok SP1 datat 28 ta’ Frar, 2007 kif ukoll l-

ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 357/2007 ta’ l-14 ta’Mejju, 2007.

Il-Konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra’ r-risposta tal-konvenuti fejn issollevaw illi l-ammont mitlub mill-attur huwa ezagerat u qed jippretendi hlas ghal xoghol li huwa m’ghamilx u li ma meddx idejh ghalih.

Illi l-esponenti offrew, anzi kienu bghatu cekk ta’ LM332 b’ittra tas-16 ta’ Marzu, 2007 bhala hlas ghax-xoghol li ghamel hu bir-rati li kienu gew miftiehma bejniethom, liema hlas kien gie rifjutat mill-attur;

Illi l-esponenti sabiex jesumu ruhhom minn kull eventwali responsabilita’ ghal hlas ta’ spejjez u mghaxijiet qieghdin jiddepositaw taht l-awtorita’ tal-Qorti kontestwalment ma’ din ir-risposta, l-ammont li kien gie offrut lilu u li gie rifjutat mill-attur.

Salv twegibiet ulterjuri.

Ra’ d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema’ u ra’ x-xhieda ta’ Shannon Pisani, Paul Muscat, Saviour Bonello, Louis Zammit u Assunta Zammit.

Ra’ n-Noti prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar hlasijiet ta’ xoghlijiet li allegatament gew imwettqa mill-attur u li ma gewx imhallsa mill-konvenuti. Illi skont il-konvenuti huma kienu lesti jhallsu fis-somma ta’ LM332 ta’ dak iz-zmien a saldu tad-debitu dovut minnhom u ma kellhom jaghtu xejn aktar lill-attur. Illi t-Tribunal jirrilleva li ghalkemm il-vertenza hija fl-ammont ta’ LM560.08 ta’ dak iz-zmien, kien hemm parti minnhom li l-konventi kienu disposti jhallsu u parti minnhom li hassew li ma kienux dovuti lejn l-attur. It-Tribunal ghalhekk ha jkollu jezamina u jevalwa l-provi

kollha migbura quddiemu sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa tal-vertenza ta’ din il-kawza.

Illi l-attur xehed illi  kien avvicinah il-konvenut sabiex jaghmillu xi xoghlijiet u l-attur kien ipprezentalu stima bir-rati tax-xoghol miftiehma bejniethom. Ili din l-istima kienet accettabbli ghall-konvenut u ftehmu ukoll illi l-konvenut kellu jmur jghinu  jahdem u l-paga tieghu kellha tinqata’ mill-hlas/paga   finali. Ili ftiehmu li il-prezz tal-gebel u konkos kien ghall-konvenut u l-attur kellu jithalas tax-xoghol fuq il-gebel u konkos skond il-kejl wara ki jitlesta’ x-xoghol. Ili xi ftit wara li kienu bdew ix-xoghlijiet inqalghu xi problemi bejn il-partijiet u  l-attur baqa’ jsostni Illli huwa kellu jithallas skont il-kejl u mhux skont il-gurnata kif kien qieghed isostni l-konvenut. Illi wara li l-pedamenti kienu nghatghu l-konkos  l-partijeit   bdew jargumentaw, izda il-konvenut xorta wahda baqa’ jmur jahdem mal-attur fuq xi xoghol ta’ terzi. Fil-frattemp fimkien mal-konvenut lestghu s-saqaf u  l-kantina tal-konvenut . Dan kien ghal habta tat-3 ta’ Jannar, 2007. Illi fl-ahhar ta’ Jannar kien talab lill-konvenut flus akkont tax-xoghlijiet li kien ghamel u kellu bzonn LM300 ta’ dak iz-zmien. Izda l-konvenut kien qallu li ma kienx komdu f’dak il-mument u weghdu li sa fl-ahhar ta’ Frar kien ha jhallsu. Wara dik it-telefonata l-konvenut ma kompliex imur ghax-xoghol mieghu. Meta prova jsaqsih ghall-flus ma kienx gie milqugh sewwa mill-konvenut izda Fi Frar tal-2007 kien tah akkont ta’ LM200 ta’ dak iz-zmien.  Ftit wara wasslu ghal ftehim li x-xoghol kellu jitkejjel. L-Attur ha mieghu lil certu Saviour Bonello li kejjel il-kwantita’ ta‘ xoghol involut. Mal-kont li kien ipprezenta lill-konvenuti huwa kien naqqas l-ispejjez tal-konkos, kif ukoll l-uzu tal-*crane* u ix-xibka  tnaqssu mill-kontt.  Kien naqqas ukoll   l-paga dovuta lill-konvenut fu naqqas  l-akkont li kien tah ta’ fi Frar, 2007 ta’ LM200 ta’ dak iz-zmien ftit gimghat qabel u b’hekk wasal fl-ammont tat-talba. Illi meta pprezenta l-kont lill-konvenuti huma riedu jhallsuh biss  LM332 ta’ dak iz-zmien. Illi jirrizulta li ma  qablux fl-ammonti li kellu jiehu tant illi kellu jipprocedi ghal flusu bil-proceduri gudizzjarji.

Illi skont Paul Muscat li kien fiz-zmien lavrant mal-attur qal illi huwa kien hadem fuq il-post tal-konvenuti u jiftakar

illi kienu qamu xi argumenti bejn il-partijiet. L-argument ewlieni kien dwar kif kellu jithallas l-attur li skont l-konvenut kellu jkun bil-gurnata izda skont l-attur kellu jkun skont il-kejl. Filwaqt illi x-xhud ikkonferma li kien sema' diskors dwar xi stima qal ukoll illi kien sema' lill-konvenut jghid lill-attur illi l-istima li kien tah l-attur kienu qattghuhielu t-tfal tieghu. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu jahdem il-konkos izda mhux jiehu hsieb li jixtri l-konkos u kien jaf ukoll illi l-konvenut kien imur jahdem fuq lantijiet diversi ta' xoghol mal-attur. Ili l-ftehim kien li l-attur kellu jaqta' l-paga ta' Zammit mil-kont tieghu ghax-xoghol li kien wettaq fuq il-post tieghu. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien sellef xi ghodda partikolarment 'bensaw' kif ukoll qal li l-armar 'tas-shuttering' kien kollu tal-attur u sar fuq zewg nahat. In kontro ezami ikkonferma li x-xoghol fil-gurnata tat-tqeghid tal-konkos kien ha madwar tmien sieghat u dawn is-sieghat gew mahduma minnu flimkien mall-konvenut u l-attur. Il-mara tieghu ma rahiex tahdem ra' tahdem mal-konvenut hlief tatih xi daqqa' t'id okkazjonalment u taghmel il-kafe'.

Xehed ukoll Saviour Bonello li kien il-persuna inkarigata mill-kejl tax-xoghlijiet konsistenti f'pedamenti u 'basement' li kellu jsir mill-kuntrattur u cioe' l-attur fil-kawza. Illi dan il-kejl sar fl-ahhar ta' Frar, 2007 u jaf illi kien hemm qbil dwaru miz-zewg partijiet. Prezenti ghall-kejl kien hemm iz-zewg kontendenti. Izda in kontro-ezami ma eskludiex il-fatt illi l-konvenuti ma kienux prezenti mill-bidu. Ili rrizulta li fil-prezenza tax-xhud, il-partijiet kienu qablu dwar il-kejl u huwa mexa fuq il-prezzijiet li kienu tawh. Meta huwa hareg il-kont hadd ma oggezzjona ghall-kont jew kien hemm xi ilment dwaru jew li kellu jigi emendat b'xi mod.

Illi mix-xhieda tal-konvenut Louis Zammit irrizulta li hu u martu kienu taw b'appalt lil-attur l-bini ta' kamra fil-'basement level' fil-fond taghhom fi Triq San Blas in-Nadur. Huwa kien hallas ghall-gebel u materjal iehor. L-Attur kien inkarigat biss mill-bini. Illi l-konvenut kien lest ihallas LM332 ta' dak iz-zmien ghax-xoghol imkejjel li kien jikkonsisti f'bini ta' hitan dobblu u singlu u ma kellux oggezzjoni dwar dan u l-anqas ma kellu oggezzjoni jhallsu fl-ammonti imsemmija minnu tant illi l-konvenut kien

iddepozita l-ammont ta’ LM332. Illi huwa kien qieghed jogezzjona ghall-ispejjez rimanenti. Ghalhekk meta l-attur irrifjuta ic-cekk ta’ LM332 ta’ dak iz-zmien, huwa kien iddepozita s-somma l-Qorti izda dan ma kienx accettabbli ghall-attur u pproceda bil-kawza. Qal illi meta l-attur kien qieghed jippretendi l-hlas tal-konkos u x-xibka, dawn kien ordnahom u hallashom hu. Qal illi l-attur ma kienx medd idejh ghax-xoghol tal-konkos u waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet tal-konkos, l-attur baqa’ jhares u x-xoghol kien ghamlu kollu l-konvenut f’temp ta’ siegha.Illi x-xoghol tal-konkos  kien ha madwar siegha. Huwa kien dispost ihallas lill-Paul Muscat  ta’ idu izda mhux lill-attur peress illi dan ma kien ghamel xejn. Il-Konvenut qal illi meta huwa kien ha jqieghed il-konkos talab lill-attur sabiex igiblu l-injam ghal ‘shuttering.’  Qal ukoll illi huwa kien ikkonferma li l-ftehim mal-attur kien li  jithallas bir-rata ta’ LM25 ta’ dak iz-zmien kull gurnata  xoghol u li l-haddiem tieghu kellu jiehu LM22 ta’ dak iz-mien kull gurnata. Illi dwar l-ghodda mislufa qal illi din kienet haga normali bejniethom.

It-Tribunal jirrilleva li ghalkemm l-konvenut ma kellux kontestazzjoni ihallas l-ammont ta’ LM332 ta’ dak iz-zmien ghax-xoghol tal-hitan wara li dan gie mkejjel, huwa kellu kwistjoni li jhallas il-bilanc rimamenti mitlub mill-attur. Il-Konvenut  ma kienx qieghed jaqbel mad-differenza ta’ Lm228.08 li kien mitlub ghax-xoghol tat-tqeghid tal-konkos.

Il-Konvenuta fix-xhieda taghha, kkonfermat dak kollu li kien intqal minn zewgha. Cahdet  illi l-attur  qatt tahom stima bil-miktub. Dwar it-twettigh tal-konkos qalet illi kienu hi u zewggha li kienu wettghu x-xoghol tal-konkos u l-attur kien ghenhom biss billi fetah il-bajla tal-konkos. Kemm ix-xoghol tal-armar kif ukoll ix-xibka kien ghamlu zewgha u ftit Paul Muscat. Il-Konvenuti kienu disposti ihallsuh LM50 ta’ dak iz-zmien tas-*shuttering* izda ma hassewx illi l-attur kien jimmerita iktar flus ghax-xoghol li ma  kienx ghamel hu.  Qalet ukoll illi meta ngab is-*surveyor* l-konvenuti ma kienux prezenti ghaliex ma kienux avzati minn qabel u meta wasslu fuq il-post x-xoghol tas-*surveyor* kien lest.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenuti kienu disposti ihallsu b'kollox fis-somma ta' LM382 ta' dak iz-zmien jekk wiehed izid l-LM50 imsemmija mill-konvenuta ghall-ispejjez tas-shuttering, izda kellhom problema sabiex ihallsu il-bilanc ta' LM124.08 li kien qieghed jitlob l-attur ghax-xoghol ta' tqeghid ta' konkos. Fil-kalkolu tal-konvenuta ma giex inkluz ix-xoghol li kien ghamel Paul Muscat, li b'ammissjoni tal-istess konvenuti kienu qalu li kien ghenhom fil-gurnata tat-tqeghid tal-konkos u x-xibka. Qalu ukoll illi x-xoghol kien ha siegha.

It-Tribunal huwa tal-fehma li meta l-konvenuti kienu ddepozitaw is-somma ta' LM332 ta' dak iz-zmien, f'l-24 ta' Settembru tal-2007, fejn intqal illi d-depositu sar a saldu tal-ammont dovut mill-konvenuti, dan kien wara li kienet infethet il-kawza. Izda, mill-provi jirrizulta lil l-konvenut kien lest jaccetta ihallas l-ammont ta' LM332 ta' dak iz-zmien, ghax-xoghol tal-hitan u li kellu jaghti xi haga ghat-twettigh tal-koknos. Illil-kontestazzjoni tal-kont kien jikkoncerna x-xoghol tal-konkos. It-Tribunal jirrileva li l-attur xehed illi l-konvenuti riedu ihallsuh fl-ammont ta' LM332 a saldu tax-xoghol kollu u ma kienux semmewlu li kienu lesti jhallsuh ghax-xoghol tal-konkos. Illi fil-fehma tat-Tribunal, jirrizulta inkonsistenza fil-verzjonijiet bejn ix-xhieda moghtija fil-mori tal-kawza komparata mall-kontenut tac-cedola ta' depositu. Illi l-kontenut tac-cedola ta' depositu jaqbel mall-verzjoni tal-konvenut. Ili skont ic-cedola ta' depozitu maghmula fl-24 ta' Settembru, 2007 u cioe' sitt xhur wara li giet intavolata l-kawza, l-konvenuti kienu sostnew li s-somma depozitata kien ghax-xoghol li lahaq ghamel l-attur u li s-somma mitluba minnu kienet ezagerata ghaliex eppretenda li jithallas ghal xoghol li effettivament ma kienx ghamel. Illi l-konvenuti kienu lesti jhallsu lill-attur fis-somma ta' LM332 ghax-xoghol li effettivament ghamel l-attur liema hlas gie rifjutat.

Mill-provi, t-Tribunal jemmen illi l-verzjoni tall-attur hija dik l-aktar veritjera, partikolarment meta jghid illi l-ftehim kien li l-attur jithallas skont il-kejl u mhux skont il-gurnata. Di fatti, l-hlas tal-hitan sar skont il-kejl. It-Tribunal ihoss illi filwaqt illi l-attur kien konsistenti, l-konvenut ma weriex konsistenza u din l-inkonsistenza hija manifestata jek

wiehed jaqra' l-kontenut tal-affidavit tal-attur u jifli il-kontenut tac-cedola ta' depozitu li giet iddepozitata wara li kienet infethet il-kawza. It-Tribunal jirrilleva ukoll illi l-ittra tas-16 ta' Marzu, 2007 imsemmija mill-konvenuti qatt ma giet ipprezentata.

Izda fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal ihoss illi ghalkemm il-ftehim kien ill ill-attur ghandu jithallas skont il-kejl, ma jhossx illi l-bilanc rimanenti ta' LM228 ghal gurnata xoghol ta' zewg minn nies u ghall-uzu ta' xi ingenji u ghall-uzu tal-armar tas-*shuttering,* huwa gust u reali. Illi *in oltre* t-Tribunal m'huwiex ha jiehu in konsiderazzjoni spejjez imsemmija ghall-uzu ta' l-ghodda tal-atttur, ghaliex jirrizulta li kien hemm xi ftehim bejniethom dwar dan u jirrizulta lli normalment l-attur qatt ma kien joggezzjona li l-konvenut jisellef xi ghodda.

Illi t-Tribunal huwa konvint mill-verzjoni moghtija mill-attur u jifhem illi x-xhieda tieghu hija aktar veritjera u konsistenti mix-xhieda moghtija mill-konvenuti. Lli jekk kemm-il darba lill-konvenuti ma dehrilhomx illi l-attur kellu jithallas skont il-kejl ma messhomx qabblu li jhallsuh ghall-hitan ghaliex dan il-kont kien skont il-kejl. Izda fir-rigward ghat-tqeghid atl-konkos insistew li jhallsu lil-attur ghax-xoghol tal-konkos bil-gurnata.

Wara li t-Tribunal ikkunsidra, gurnata xoghol ta' zewg minn nies, inkluz it-trasport ta' l-gharmar u ingenji, l-gharmar tas-'shuttering,' l-uzu tal-ingenji appertenenti lill-attur fil-gurnata tat-twettigh tal-konkos, ghodda vari u 'shuttering' tal-injam tal-attur, fimkien mat-LM332 ghax-xoghol tal-hitan bir-rati skont il-kejl, li l-konvenuti b'ammissjoni taghhom stess kienu lesti jhallsu, it-Tribunal *arbitrio boni viri* qieghed jillikwida s-somma dovuta lill-attur ghall-€1050 gja LM450.77.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur 'in parte' u jikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-attur fis-somma limitata ta' elf u hamsin ewro (€1050) bl-imghaxijiet mit-28 ta' Frar, 2007 sal-pagament efftiv. Illi fic-cirkostanzi, l-ispejjez tac-cedola ta' depozitu jibqghu a

kariga tal-konvenuti inkluzi l-ispejjez ta’ depozitu u dak ta’ l-izbank ta’ l-istess cedola.

Spejjez tal-kawza zewg terzi ghall-konvenuti u terz ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------